MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 186/2003

**Il - Pulizija**

**v.**

**Raymond Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Caruana talli:

1) fil-21 ta' Frar, 1998 f'Marsilja, Franza, kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', mudell ta' l-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, a detriment tal-kumpanija 'Alisan International Transport & Trade Inc.', liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (LM1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 267, 271,

278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) f'Lulju 1998 u fiz-zmien ta' qabel, xjentement f'Malta laqa ghandhu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' ta' vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ta' valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (LM1000), sew jekk dan ir-reat sar f'Malta jew barra minn Malta, a detriment tal-kumpanija 'Alison International Transport & Trade Inc.', ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija flaza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz (GTM-217), fuq l-imsemmija vettura u cioe' fuq il-vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ai termini tal-Artikolu 199 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tac-chassis tal-vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' number plates foloz (GTM-217), fuq vettura ohra tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) talli fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fix-chassis tal-vetturi tal-ghamla 'Volvo Tractor FH12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, dan ai termini tal-Artikoli 17 u 91 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi

bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikolu 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana gie akkuzat talli fl-24 ta' Frar, 1998, bil-hsieb li jiffroda lil Gvern billi jevadi d-Dazju u/jew xi xorta ta' taxxa ohra dovuta, u/jew ukoll xi restrizzjonijiet ohra, xjentement bil-qerq importa jew dahhal, jew kellu b'xi mod x'jaqsam billi tigi mportata jew imdahhla f'dawn il-Gzejjer, vettura ta' l-ghamla 'Mechanical Horse' tal-marka 'Volvo FH12 4x2', mudell ta' l-1998, numru tac-chassis YVZA4B3A7WB188568 u bin-numru tar-registrazzjoni lokali GTM-217, liema pjanci b'tali registrazzjoni ma kienux jappartjenu lill-imsemmi 'Mechanical Horse' izda cioe' lil vettura ohra ta' l-istess ghamla w marka jigifieri 'Volvo FH12' pero' mudell ta' l-1992, numru tac-chassis 320203/22192 u bin-numru tar-registrazzjoni GTM-217 kif originarjament mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti;

8) ukoll fl-istess data mal-wasla tieghu f'Malta bil-vapur MV Zebbug qarraq bl-Ufficjali tad-Dwana u l-Awtoritajiet kompetenti koncernati, meta ghamel dikjarazzjoni u/jew issottometta dokument u/jew informazzjoni li b'xi mod kienu foloz, meta dan kien jaf li d-dettalji fid-Dokument tad-Dwana 'Temporary Exportation Permit' minnhu prezentat ma kienux ta' l-imsemmija vettura li kienet qeghda tigi mportata izda ta' vettura ohra li huwa stess kien u/jew ta' x'jifhem li kien hareg minn Malta, fit-18 ta' Novembru, 1997 mal-vapur MV Nicolas A b'dan l-istess dokument;

9) ukoll fil-perjodu wara l-24 ta' Frar, 1998, xjentement kellu kontra l-ligi fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu din il-vettura;

10) ukoll fl-istess perjodu ta' zmien, bhala l-persuna responsabbli minn din il-vettura, xjentement naqas fiz-zmien kif stipulat milli jaghmel dikjarazzjoni shiha ta' l-imsemmi 'Mechanical Horse';

11) u aktar talli l-importazzjoni ta' l-imsemmi 'Mechanical Horse' hija pprojbita u/jew ristretta, u ghandu valur ta' LM17500 u dazju ta' LM3500, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(a),(b),(k), 62(a),(b),(f)(g),(h),(i),(k),(l),(m),(n) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, u l-Att XXXV ta' l-1989 dwar iz-Dazji ta' l-Importazzjoni Kap. 337;

12) f'isem id-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana w tas-Sisa, gie akkuzat talli fl-24 ta' Frar, 1998, bil-hsieb li jiffroda lil Gvern billi jevadi t-Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjonijiet xjentement bil-qerq importa jew dahhal, jew kellu b'xi mod x'jaqsam billi tigi mportata jew imdahhla f'dawn il-Gzejjer, vettura ta' l-ghamla 'Mechanical Horse' tal-marka 'Volvo FH12 4x2", mudell ta' l-1998, numru tac-chassis YVZA4B3A7WB188568 u bin-numru tar-registrazzjoni lokali GTM-217, liema pjanci b'tali registrazzjoni ma kienux jappartjenu lill-imsemmi 'Mechanical Horse' izda cioe' lil vettura ohra ta' l-istess ghamla w marka jigifieri 'Volvo FH12' pero' mudell ta' l-1992, numru tac-chassis 320203/22192 u bin-numru tar-registrazzjoni GTM-217 kif originarjament mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti;
13) u aktar talli l-importazzjoni ta' l-imsemmi 'Mechanical Horse' hija pprojbita u/jew ristretta, w ghandu valur ta' LM17500, fuqu kellha tithallas Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni ta' LM2625, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 69 ta' l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att. Nru. XII ta' l-1997);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 267, 278, 279, 280, 334, 188, 189, 17(b), 20, 23, 28A u 533 tal-Kap. 9, l-Artikoli 15(1)(b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 128/1994, l-Artikoli 18, 60(a)(b)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i)(k)(l)(m)(n) tal-Kap. 37, l-Att XXXV tal-1989 tal-Kap. 37, l-Artikolu 69 tal-Att XII/1997, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha, salv dawk ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u talli ghamel falsifikazzjoni w xjentement ghamel uzu minn dokument falz u cioe` it-thassir tan-numru tac-chassis tal-vettura, mill-liema tlett akkuzi lliberatu, izda kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin u oltre dan ordnat lill-imputat ihallas multa ta' wiehed u erbghin elf, mija w hamsa u ghoxrin lira Maltin, (LM 41,125) rappresentanti in kwantu ghal hamsa w tletin elf lira d-doppju tal-valur tal-vettura impurtata, tlett elef u hames mitt lira Maltin li hu dazju dovut fuq din il-vettura skond id-dokument CSH2 esebit a fol. 42 tal-atti odjerni u elfejn sitt mija hamsa w ghoxrin lira Maltin li huwa s-Sisa

dovuta skond id-dokument CSH 18 esebit fl-atti odjerni a fol. 119 u dan favur il-Gvern ta’ Malta;

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 t’Ottubru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija w l-piena nflitta salv li ukoll tordna l-konfiska tal-vettura “Volvo Tractor FH12” skond il-Ligi;

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu Dottor Roberto Montalto ghall-appellat eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali minhabba difett fit-talba konklussiva essendo illi filwaqt li qed tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata, giet mitluba biss il-konferma tas-sejbien ta' htija u mhux ukoll il-konferma tal-parti liberatorja ta' l-istess sentenza;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fil-kaz in ezami l-appellat instab hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu salv dawk ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u talli ghamel falsifikazzjoni u xjentement ghamel uzu minn dokument falz, u cioe` t-thassir tan-numru tac-chassis tal-vettura, mil-liema tliet imputazzjonijiet gie lliberat u gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ghall-hlas ta' multa ta' Lm41,025, u ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali ammontanti ghal Lm153.23. Dwar il-vettura Volvo Tractor FH 12 bin-numru 34-TC-0952, l-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata li "mhux ser tordna l-konfiska" ta' din il-vettura.

Fir-rikors ta' appell tieghu, l-Avukat Generali talab biss li din il-Qorti *"tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija u l-piena inflitta salv li* <u>*ukoll*</u> *tordna l-konfiska tal-vettura Volvo Tractor FH 12 skond il-ligi."*

Issa l-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li r-rikors ta' appell ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri, u cioe` jew wahda jew l-ohra salv dak li ser jinghad.

Il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti dejjem iddikjarat in-nullita` ta' appell - liema nullita` hija anki sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku - jekk il-vot tal-ligi ma jigix osservat skrupolozament, ghaliex dejjem gie ritenut li, meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza, izda minflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali, b'mod ghalhekk li r-rikors ta' appell ikun null[1].

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta' Gunju 1995, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**"(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet 'very strictly and rigidly interpreted' (The Police v. John Hill, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew**

[1] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Mario Camilleri**, 3 ta' Dicembru 2001; **Il-Pulizija v. Joe Borg**, 21 ta' Lulju 1995.

**imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba gat-tahsir, ir-rikors ikun null (P. v. Anthony Zammit, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; P. v. Richard Vincenti Kind, App. Krim., 16/9/72); P. v. Carmelo Agius, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Gie ritenut ukoll illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[2], jew, partikolarment f'appelli ta' l-Avukat Generali, biex tinghata l-piena preskritta mil-ligi.

Kif gie spjegat ukoll fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Gheiti** deciz fl-14 ta' April 2005, **"fejn sentenza tkun illiberat lill-appellant minn xi akkuza jew akkuzi u sabitu hati ta' xi akkuza ohra jew akkuzi ohrajn, biex ir-rikors tal-appell ikun ritwali u validu, trid dejjem l-ewwel tintalab IR-RIFORMA tas-sentenza appellata, imbaghad irid jigi precizat fhiex tkun tikkonsisti tali riforma, u cioe` l-konferma tal-parti tas-sentenza li l-appellant ma jkunx ihoss li ghandu jappella minnha u r-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li jhoss ruhu aggravat biha."**

Fil-kaz in ezami, filwaqt li l-appellant beda biex ghamel sew li talab ir-riforma tas-sentenza appellata, pero`

[2] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003.

mbaghad la stqarr jekk kienx qieghed jitlob konferma wkoll tal-parti liberatorja tas-sentenza appellata u lanqas talab ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kienet iddikjarat bla ebda tlaqliq li ma kinitx ser tordna l-konfiska tal-vettura in kwistjoni, izda semplicement talab li din il-Qorti, b'zieda mal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tordna wkoll il-konfiska.

Konsegwentement, fil-kaz in ezami r-rikors ta' appell huwa null.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell null u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------